Diff: 29/04/2002

**TRIBUNAL GHAT-TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR:**
**DR Audrey J. Demicoli LL.D.**

**Avviz. numru 1404/01AJD**

**Christopher Mifsud noe**

**vs**

**Tal-Maghtab Construction Co. Ltd.**

**Seduta mizmuma illum it-Tlieta, 26 ta' Marzu, 2002.**

**Winston Muscat prodott mill-attur minn jeddu bil-Malti bil-gurament tieghu jghid:**

**Jiena impjegat bhala offucjal tekniku ma dipartiment tax-xogholijiet, stazzjonat Albert Town.**

**Is-socjeta konvenuta kienet giet ingarigata mid-dipartiment sabiex tikkostruwixxi l-work shop's tal-mastraduxxi, fil-lokalita li ghadni kemm semmejt u cioe' Albert Town. Dan kien jinkludi x-xoghol ta' water proofing.**

**Il-pagamenti relattivi gew effettwati min l-istess socjeta konvenuta.**

**Kien hemm xi hsara fil-membrain. Jiena kont cempilt lis-socjeta konvenuta dwar din il-hsara cempilna diversi drabi lis-socjeta kovenuta sabiex taffetwa r-ripprazzjonijiet. Ir-ripparazzjonijiet damu zmien twil ma saru u dawn ir-ripparazzjonijiet saru mill-attur li qed ngharfu fl-awla.**

**Il-hsara li ghadni kemm semmejt, jiena rajta b'ghanejja u rajt li kien hemm areas kbar fuq il-bejt, fejn il-membrain nqalat minn posta. Il-hsara hija kif indikata fir-ritratt li jinsab immarkat bhala Dok. CM3. Biex titla fuq il-bejt in kwistjoni huwa ferm difficili, cioe l-access huwa kwazi impossibli, ghalhekk neskludi li l-membraine, inqala minn xi hadd volontarjament.**

**Qed nigi muri r-ritratt li huwa mmarkat bhala Dom CM1. Nikkonferma illi min dan ir-ritratt jirizulta illi hemm fili miftuhin, izda nghid illi l-fili miftuhin minn gewwa u li xi darba kienu s-siggilati. Jiena neskludi illi l-membraine seta nqala bir-rih.**

**Nikkonferma illi l-attur ghamel ix-xoghol tar-ripparazzjonijiet u li jiena kont prezenti meta hu effettwa l-imsemmija xogholijiet.**

**Tigi mmarkata ghaliha marka li saret fuq ritratt mmarkat bhala Dok CM2 u nghid illi l-indikazzjoni li hemm fuq ir-ritratt fejn hemm il-marka mhux tieghi. Ghaliha dak huwa kantun**

**maqsum u mhux fil. Dan nghidu ghaliex huwa angulat wisq.**

**Kontro-ezami.**

**Jiena mhiniex f'pozizzjoni li naghti spjegazzjoni x'kienet ir-raguni li l-mambraine inqala, zgur li ma nqalax b'xi htija tad-dipartiment. Dan il-mambraine ma kienx iwweldjat kollu, fis-sens ma sarx iwweldjat bis-sistema li ahna nsejhula, permenant welding, imma kien iwweldjat, ix-xifer tieghu li ahna nsejhhula bil-gunglatura.**

**Ma niftakarx id-diskors li sar bejni hu bejn l-attur meta huwa gie jaghmel ir-ripparrazzjonijiet, jista' jkun li huwa semma xi hsara fil-fili tal-kamorrta.**

**Jiena ma veririfikajtx jekk kienx hemm xi diffetti ohra fil-mambraine. Nghid illi jiena kont akkompanjat lill-attur fuq il-bejt sabiex nivverifika li qed isir ix-xoghol.**

**Ahna ma effetwajna ebda pagament lis-socjeta konvenuta ghax-xoghol ta' riparrazzjoni. Nghid ukoll li fil-fatt ahna ma hrigniex general service purchase order ghal dawn ir-riparrazzjonijiet.**

**Ma niftakarx jekk l-attur kienx qalli li l-fili kellhom jithaffru meta kkompanjatu sabiex isir irriparrazzjonijiet.**

**Din hija s-sustanza tax-xhieda ta' Winston Muscat dettata mit-Tribunal fil-presenza tal-istess xhud.**

**Niddikjara li ttraskrivejt fis-sewwa u fedelment u fl-ahjar taghrif u hila tieghi r-registrazzjoni tat-tape.**

**Lorianne Camilleri**
**Traskrittur**